# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tnax (12) ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru 259/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Av. Dr. Malcolm Mifsud a nom u in rappreżentanza ta' l-assenti Jakob Famme f'ismu proprju u f'isem organizazzjoni li jiġġestixxi Event travel.dk, flimkien mas-soċjetajiet Famme Creative Consult ApS u Sports Events ApS reġistrati Danimarka.**

**Vs**

**Caluno iGaming Consulting Limited (C90956)**
**u**
**Bethard Group Limited (C69565).**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tar-rikorrent datat 4 ta' Mejju 2020, li permezz tiegħu r-rikorrenti nomine talab is-segwenti:

    *Illi l-Atturi noe kien jippresta servizzi lis-Soċjetajiet Konvenuti fi proġetti ta' iGaming, sew f'Malta u anki fi swieq barra minn Malta, prinċipalment fid Danimarka. L-Attur Jakob Famme u s-soċjeta Konvenuta Caluno iGaming Consulting Limited kienu daħlu fi ftehim, (Dok FB 1 u 2), fejn kien ġie stabbilit imgħax ta' ħamsa fil-mija (5%);*

*Illi s-soċjeta' Konvenuta Bethard Group Limited, kienet tagħti istruzzjonijiet lill-Attur Jakob Famme, lil liema soċjetajiet għandhom jinħarġu l-fatturi;*

*Illi tul ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet kollha, is-soċjeta' Bethard Group Limited dejjem ħallset il-fatturi, ħlief il-fatturi hawn annessi u mmarkati' bħala JF 3, JF 4, JF 5, JF 6, JF 7 u JF 8 b'total komplessiv ta' mija u wieħed u tlettin elf u disgħa mija u erbgħa u erbgħin Euro u wieħed u tmenin ċentenżmu (€131,944.81);*

*Għaldaqstant, l-Atturi noe jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara s-soċjetajiet Konvenuti debitriċi tas-somma mija u wieħed u tletin elf u disgħa mija u erbgħa u erbgħin Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€131,944.81).*

2. *Tordna s-soċjetajiet Konvenuti sabiex iħallsu lill-Atturi nomine s-somma ta' mija u wieħed u tletin elf u disgħa mija u erbgħa u erbgħin Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€131,944.81), oltre imgħax legali u l-ispejjeż.*

*Bl-ispejjeż u l-Konvenuti nġunti minn issa in subizzjoni*

2. Rat illi fit-12 ta' Ġunju 2020 **Bethard Group Limited** irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

*1. Illi, preliminarjament, is-soċjetà intimata Bethard Group Limited ('Bethard') mhux il-leġittimu kuntradittur għall-pretensjoni tar-rikorrenti nomine inter alia stante li:*

a. *Il-fatturi kollha nħarġu fuq is-soċjetà intimata Caluno iGaming Consulting Limited ('Caluno') jew Henrik Olsson, id-direttur u ultimate beneficial owner tal-istess, personalment u qatt ma nħarġu fuq is-soċjetà intimata Bethard.*

b. *Henrik Olsson qatt ma kien direttur jew uffiċjali tas-soċjetà intimata Bethard u għalhekk ma kellux awtorizazzjoni li jidher għall-istess skont l-istatut tas-soċjetà intimata Bethard.*

c. *Henrik Olsson qatt ma ta lir-rikorrenti nomine x'jifhmu li hu qiegħed jikkuntratta f'isem l-intimata Bethard anzi espressament u bil-miktub dejjem qal bil-kontra - dan huwa evidenti mill-ftehim ta' bejniethom.*

d. *Henrik Olsson ċertament qatt ma kien il-mandant presta nome tal-intimata Bethard.*

e. *L-intimata Bethard qatt ma selfet flus jew ikuntrattat biex tissellef xi flus mingħand ir-rikorrenti nomine.*

f. *L-intimata Bethard qatt ma daħlet f'ebda kuntratt ta' negozju jew konsulenza mar-rikorrenti nomine.*

*2. Illi ma teżisti l-ebda "organizzazzjoni" bl-isem "event travel.dk" u għalhekk kwalunkwe pretensjoni ta' xi ammonti dovuti lill-istess ma jistgħux jintlaqgħu minn din l-Onorabbli Qorti. Fi kwalunkwe każ, il-prokura tal-Avukat Malcolm Mifsud ma ngħatat mill-ebda "organizzazzjoni" bl-isem "event travel.dk" imma minn s-soċjetà estera incorporata d-Danimarka bl-isem "Event Travel ApS" b'numru ta' reġistrazzjoni 38808079.*

*3. Illi s-soċjetà intimata Bethard tikkontendi li l-pretensjoni tar-rikorrenti nomine fil-konfront tagħha qiegħda ssir in mala fede u hija inveritiera, abbużiva u vessatorja. Kif ser jiġi ppruvat fid-dettal matul dawn il-proċeduri odjerni, is-soċjetà intimata Bethard tissottometti li nqabdet innoċentement f'nofs negozju li spiċċa ħażin bejn ir-rikorrent Famme u Henrik Olsson, li huwa l-proprjetarju tas-soċjetà intimata l-oħra Caluno.*

*4. Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti nomine hija infondata fil-fatt u fid-dritt almenu fil-konfront tas-soċjetà intimata.*

*5. Illi huwa kkontestat, kif premess fir-rikors ġuramentat, li:*

a. *Ir-rikorrenti nomine qatt ipprestaw servizzi lis-soċjetà intimata Bethard u tant hu hekk li r-relazzjoni kuntrattwali kienet dejjem bejn Henrik Olsson u/jew is-soċjetà intimata l-oħra Caluno iGaming Consulting Limited u r-rikorrenti nomine li saħansitra ġie prodott bħala prova Dokument JF1.*

b. *Il-fatturi annessi mar-rikors ġuramentat Dokumenti JF6 u JF7 diġa huma mħallsa u dan xhur ilu. Dan huwa wkoll rikonoxxut mir-rikorrenti nomine li qed jitolbu biss il-ħlas ta' fatturi mmarkati bħala Dokumenti JF3, JF4, JF5, JF8 u JF9.*

c. *Is-soċjetà intimata qatt ma tat istruzzjonijiet fuq kif għandhom jinħarġu l-fatturi Dokumenti JF3, JF4, JF5, JF8 u JF9 ħlief fuq il-fatturi Dokument JF6 u JF7. Dan minħabba li Henrik Olsson kien talab lis-soċjetà intimata Bethard issellfu dak l-ammont għall-ħlas tal-fatturi Dokumenti JF6 u JF7 u kien għalhekk li dawn il-fatturi tħallsu mill-intimata Bethard - u dan ir-rikorrent Famme kien ben konsapevoli tiegħu(!). Fil-fatt l-intimata Bethard talbet lil Olsson*

> *speċifikament li jindika lil Worldclass Services Limited bħala debitur fuq dawk il-fatturi u minħabba li din is-soċjetà hija parti mill-grupp tal-kumpanniji tal-intimata Bethard u minħabba li l-bank ma jipproċessawx ammonti jekk ma tiġix ippreżentata fattura idonea.*
>
> *6. Illi, id-dritt illi jiġu ppreżentati eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi qed jiġu ilkoll riżervati.*
>
> *Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2020 **Caluno IGaming Limited** irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

> *Illi t-talbiet attriċi, in kwantti diretti lejn is-soċjeta eċċipjenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż għar-raġunijiet segwenti.*
>
> 1. *Illi s-soċjeta eċċipjenti ma hijiex il-leġittima kontradittriċi stante illi s-servizzi illi ntalbu mingħand l-attriċi jew min minnhom, mertu ta' din il-kawża, intalbu f'isem is-soċjeta' intimata Bethard Group Limited u kwalsiasi servizz mogħti ngħata lill-istess Bethard Group Limited u a benefiċċju esklussiv tagħha. Għaldaqstant l-eċċipjenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> 2. *Inoltre, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-atturi għandhom iġibu prova tas-servizz allegatament mogħti u l-kreditu allegatament dovut lilha;*
>
> 3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

**Provi:**

4. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti nomine, ossija '*Consulting Agreement with Caluno iGaming Ltd*' (fol 5), serje ta' invoices a fol 7 sa 13) u Power of Attorney datat 28 ta' Marzu 2020. (fol 14)

5. Rat l-affidavit ta' **Henrik Olsson** ippreżentat fis-27 ta' Ottubru 2020 mar-risposta ta' Caluno iGaming Limited (fol 32).

6. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' Caluno iGaming Ltd, fosthom *Joint Venture Agreement* bejn Bethard Group Limited u Caluno IGaming Consultancy Limited datat 12 ta' Marzu 2019 (fol 36), Employment Agreement datat 1 ta' Awissu 2019 (fol 50), Letter of Termination tas-soċjeta' Bethard Group Limited datat 27 ta' Marzu 2020 (fol 57).

7. Rat l-affidavit ta' **Jakob Famme** ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2020 (fol 60) flimkien ma' dokumentazzjoni, inkluż email waħda riprodotta intjierament fuq kolonna waħda minn paġna 85 sa paġna 275.

8. Rat l-affidavit ta' **Martin Carlslund** ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2020 mir-rikorrent nomine. (fol 282)

9. Rat l-affidavit ta' **Steen Madsen** ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2020 (fol 282) mir-rikorrent nomine.

10. Rat l-affidavit ta' **Mikkel Winterberg** ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2020 (fol 287) mir-rikorrent nomine.

11. Rat l-affidavit ta' **Jimmy Bejgaard** ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2020 (fol 296) mir-rikorrent nomine.

12. Rat l-affidavit ta' **Anders Friis Bruun** ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2020 (fol 300) mir-rikorrent nomine.

13. Semgħet ix-xhieda in eżami ulterjuri ta' Jakob Brunn Famme datata 15 ta' Diċembru 2020 (fol 304).

14. Rat illi fil-15 ta' Diċembru 2020 ir-rikorrenti nomine ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

15. Rat in-nota ta' Bethard Group Limited ippreżentata fit-13 ta' Marzu 2021 (fol 313) li permezz tagħha ġie eżebit l-affidavit ta' **Edward Licari** flimkien ma' dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 314 sa 353) kif ukoll dokumentazzjoni oħra eżebita mis-soċjeta intimata Bethard Group Limited.

16. Rat in-nota ta' Bethard Group Limited ippreżentata fit-22 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha eżebew skambu ta' emails (fol 414).

17. Semgħet ix-xhieda permezz ta' *video conferencing* ta' Jakob Famme datata 22 ta' Marzu 2021 (fol 419).

18. Rat in-nota tar-rikorrenti nomine datata 28 ta' April 2021 b'dokumentazzjoni msemmija minn Jakob Famme fix-xhieda tiegħu tat-22 ta' Marzu 2021 (fol 478 sa 493).

19. Rat l-affidavit ta' **Erik Skarp** ippreżentat mis-soċjeta Bethard Group Limited fid-29 ta' April 2021 (fol 495).

20. Rat l-affidavit ta' **Frank Heinanen** ippreżentat mis-soċjeta Bethard Group Limited fid-29 ta' April 2021 (fol 500).

21. Rat l-affidavit ta' **Herdi Kader Saleh** ippreżentat mis-soċjeta' Bethard Group Limited fid-29 ta' April 2021 (fol 502).

22. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami permezz ta' *video conferencing* ta' Jakob Famme in kontro-eżami datata 3 ta' Mejju 2021 (fol 507).

23. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami permezz ta' *video conferencing* ta' Henrik Olsson in kontro-eżami datata 3 ta' Mejju 2021 (fol 513).

24. Rat li r-rikorrent nomine ippreżenta dokument ta' korrispondenza bejn Mikkel Winterberg u Jakob Famme datata 4 ta' Ottubru 2019, bi traduzzjoni mid-Daniż għall-Ingliż (fol 568).

25. Rat li ġiet ippreżentata nota minn Bethard Group Limited fl-10 ta' Ġunju 2021, fejn eżebew vera kopja ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet '**World Class Services Limited et vs Henrik Olsson et**' deċiża fl-4 ta' April 2021 (fol 573) u kopja ċertifikata li kawża mhijiex appellata maħruġa fit-13 ta' Mejju 2021 rigward sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet 'World Class Services Limited et vs Henrik Olsson et' deċiża fl-14 ta' April 2021, BH15 (fol 572).

26. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami permezz ta' video conferencing ta' Mikkel Winterberg datata 14 ta' Ġunju 2021(fol 582).

27. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami permezz ta' video conferencing ta' Steen Maddsen datata 14 ta' Ġunju 2021 (fol 591).

28. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami permezz ta' video conferencing ta' Anders Bruun datata 14 ta' Ġunju 2021 (fol 591).

29. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami permezz ta' video conferencing ta' Jimmy Boejgaard datata 14 ta' Ġunju 2021 (fol 596).

30. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami permezz ta' video conferencing ta' Frank Michael Heinanen datata fit-28 ta' Ottubru 2021 (fol 604).

31. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami permezz ta' video conferencing ta' Erik Johan Sebastian Skarp datata 28 ta' Ottubru 2021 (fol 618).

32. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami permezz ta' video conferencing ta' Edward Licari datata 25 ta' Novembru 2021 (fol 637).

33. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami permezz ta' video conferencing ta' Henrik Olsson datata 25 ta' Novembru 2021 (fol 683).

34. Rat illi fis-17 ta' Frar 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali wara illi ġie preċedentement iddikjarat illi l-istadju tal-provi kien ikkunsidrat magħluq.

35. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Dr. Malcolm Mifsud nomine datata 17 ta’ Frar 2022 (fol 699).

36. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Caluno Gaming Consulting Limited ippreżentata fl-20 ta’ April 2022 (fol 718).

37. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Bethard Group Limited ippreżentata fil-5 ta’ Mejju 2022 (fol 730).

38. Rat illi fil-5 ta’ Mejju 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

39. Jirriżulta li Jacob Famme jippresta servizzi fi proġetti u swieq barra minn Malta, prinċiplament fid-Danimarka, fil-qasam tal-iGaming.

40. Jirriżulta lir-rikorrent Jakob Famme u s-soċjeta’ Caluno IGaming Consulting Limited kienu daħlu fi ftehim, deskritt bħala “Consulting Agreement with Caluno IGaming Consulting Limited”, sabiex jassisti f’ “*areas of campaigns, events and VIP activities in connection with CIC’s Joint Venture agreement with Bethard Global, where CIC ir responsible for all activity in the Danish market”*. (fol 4-6).

41. Jirriżulta wkoll, li r-rikorrenti nomine qiegħed jallega illi pprovda s-servizz, li tiegħu ma tħallasx, u għal dan il-għan ġiet ippreżentata l-kawża odjerna u in sostenn, ġew ippreżentati serje ta’ fatturi mar-rikors promotur. (fol 7 sa 13)

42. Jirriżulta mill-provi, li s-soċjeta’ Bethard Group Limited ħallset tnejn minn dawn il-fatturi, ossija il-fattura bin-numru 217279 (fol 10) u l-fattura 217280 (fol 11), li kienu proċess, indirizzati lil World Class Services, li l-import tagħhom komplessivament kien ta’ €45,000, u għalhekk din il-Qorti mhix ser tikkonsidrahom aktar bħala meritu, għajr fejn ikollha ssir referenza għalihom għal raġunijiet oħra.

43. Jirriżulta ukoll illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, is-soċjeta’ World Class Services Limited ipproċediet b’kawża għar-rifużjoni tas-somma ta’ €45,000 fuq imsemmija mingħand is-socjeta intimata Caluno iGaming Consulting Limited u Henrik Olsson personalment, permezz ta’ Rikors Nru 964/2020, liema kawża ġiet deċiża a favur tas-soċjeta’ World Class Services Limited fl-14 ta’ April 2021, fil-kontumaċja tal-intimati, u li minnha ma sar ebda appell (fol 573).

44. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi hemm kif Jakob Famme kien jitlob għall-ħlas tas-servizzi reżi fuq imsemmija u li sussegwentement tħallsu, is-soċjeta’ intimata Bethard Group Limited kienet tagħti istruzzjonijiet lill-istess Jakob Famme lil liema soċjetajiet għandhom jinħarġu l-fatturi, ossija World Class Services Limited, liema fatturi jirrappreżentaw is-servizzi prestati da parti tar-rikorrenti nomine.

45. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, dejjem mill-provi prodotti, illi kien hemm ***Joint Venture Agreement*** bejn Bethard Group Limited u Caluno IGaming Consultancy

(fol 36), iffirmat fit-12 ta' Marzu 2019, li kien jirrikjedi, fost affarjiet oħra, illi tiġi kkreata kumpannija flimkien bl-isem ta' BHGDK Limited.

46. Dan il-ftehim kien intiż "*to provide igaming (sports and casino) lotteries and such other gaming and gambling services*", fost affarijiet oħra, u dana partikolarment fis-suq tad-Danimarka, liema joint venture kienet, minn natura tagħha, tibbenefika prinċipalment lis-soċjeta' Bethard Group Limited li hija kumpannija ewlenija f'dana l-qasam.

47. Jirriżulta wkoll li għal xi żmien Henrik Olson, direttur u azzjonist tas-soċjeta' Caluno iGaming Consulting Limited, kien ġie impjegat mas-soċjeta' intimata Bethard Group Limited minn Awissu 2019

48. Jirriżulta, iżda, illi dak miftiehem fil-Joint Venture Agreement eventwalment ma avverax ruħu, u, wara, eventwalment il-Joint Venture ġie ikkanċellat minn Bethard Group f'Marzu 2020 u l-istess soċjeta' Bethard Group pproċediet biex tittermina l-impjieg ta' Henrik Olsson mal-kumpanija Bethard Group Limited.

49. Jirriżulta illi, permezz ta' dan il-każ, Jakob Famme qed jilmenta li, minkejja li Bethard Group Limited kienet diġa ħallset fatturi minnu mibgħuta, huwa baqa' ma tħallas għal diversi fatturi oħra, li huwa pproċeda biex jannetti mar-rikors promotur, liema fatturi li mhumiex imħallsa jammontaw għall-valur ta' €131,944.81 u jirappreżentaw servizzi pprestati minnu għal benefiċċju tas-soċjeta' Bethard Group Limited.

**<u>Difiżi</u>**

**<u>Bethard Group Limited li mhijiex il-leġittimu kontradittur.</u>**

50. Ġie eċċepit preliminarjament, li Bethard Group Limited mhijiex il-leġittimu kontradittur peress li l-fatturi kollha inħarġu fuq is-soċjeta' Caluno IGaming Consulting Limited jew Henrik Olsson, u qatt ma nħarġu fuq is-soċjeta' Bethard.

51. Ġie eċċepit ukoll, b'referenza għal tali eċċezzjoni, illi Henrik Olsson qatt ma kien direttur jew uffiċċjal ta' Bethard Group, qatt ma seta' jikkuntratta f'isem Bethard, u huwa qatt ma kien il-mandat presta nomine tas-soċjeta' Bethard Group.

52. Finalment, b'referenza ulterjuri għal tali eċċezzjoni, ġie eċċepit li Bethard Group Limited qatt ma sellfet flus jew ikkuntrattat biex tissellef flus mingħand ir-rikorrent nomine u qatt ma daħlet f'kuntratt ta' negozju jew konsulenza mar-rikorrenti nomine.

53. Il-Qorti tosserva illi, kif jirriżulta evidenti mill-provi, għalkemm huwa minnu li għal uħud mill-fatturi meritu tal-kawża odjerna, ma kienx hemm kuntratt dirett bejn Bethard Group Limited u r-rikorrent nomine, Jakob Famme, l-istess Jakob Famme kien ilu jagħti s-servizzi tiegħu lil Bethard Group Limited sa mis-sena 2018.

54. Il-Qorti tosserva wkoll illi jirriżulta evidenti wkoll illi diversi mill-fatturi mertu ta' din il-vertenza, għalkemm mhumiex f'isem Bethard Group Limited, jirreferu għal servizzi ipprestati lil Bethard Group Limited.

55. Jirriżulta ikkorroborat mill-provi, kif ikkonfermat minn **Mikkel Winterberg**, li r-rikorrenti nomine kellu relazzjoni kummerċjali ma' Bethard Group Limited, fis-sens li kienu ġia ġew organizzati diversi '*events*' barra minn Malta u ġew anke eżebiti korrispondenza ta' emails f'dan ir-rigward sabiex jorganizzaw '*events*' barra minn Malta b'kollaborazzjoni bejn it-tnejn, dejjem biex jippromwovu lill-kumpanija Bethard Group.

56. Jirriżulta wkoll mill-provi, mill-affidavit ta' **Harde Kader**, impjegat ta' Bethard Group Limited, li Caluno IGaming Consulting Limited kellha tieħu ħsieb il-Marketing fid-Danimarka filwaqt illi s-soċjeta' intimata Bethard Group kellha tieħu ħsieb it-'technical platform'.

57. Jirriżulta wkoll, ulterjorment mill-provi, li s-servizzi ipprestati mir-rikorrent nomine kienu diretti lejn servizzi tas-soċjeta' Bethard Group Limited, u għalhekk jidher ċar li s-servizzi kienu immirati u ta' benefiċċju prinċipali ta' Bethard Group Limited.

58. Inoltre`, jirriżulta wkoll manifestament ċar u mhuwiex ikkontestat, li Bethard Group Limited ħallset żewġ fatturi f'isem World Class Limited fl-ammont ta' €45,000, liema fatturi bin-numru 217279 u 2017280 huma eżebiti a fol 10 u 11 tal-proċess. Huwa minnu illi s-soċjeta' World Class Limited, ossija waħda mis-soċjetajiet tas-soċjeta' Bethard Group Limited kkreati għal fini ta' vantaġġi fiskali, sussegwentement ottjeniet sentenza kontra s-soċjeta' intimata Caluno iGaming Consulting Limited u Henrik Olsson personalment għar-rifużjoni ta' tali ħlas ta' €45,000, iżda l-Qorti ma tistax ma tossservax illi tali sentenza ingħatat fil-konutmaċja ta' l-istess intimati u għalhekk kontestazzjoni madwar tali ħlasijiet ma setgħetx issir.

59. Għalhekk, l-argument ta' Bethard Group Limited, li ma kienx hemm relazzjoni kummerċjali bejnha u r-rikorrent nomine, mhuwiex argument validu.

60. B'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem l-eżistenza ta' rapport bejn żewġ partijiet in virtu ta' liema l-wieħed, kreditur, għandu dritt jippretendi mingħand l-ieħor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tiegħu.

> "*Obbligazzjoni din li tista' tkun waħda kemm 'di dare' jew' di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wieħed f'sens strett u jista' jkun ukoll dimensjoni aktar wiesgħa*." (Ara **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma noe vs Emanuel Grixti**) deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Jannar 2007.

61. Fil-każ **Salvu Fenech nominee vs Karl Bonello et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri deċiż fit-3 ta' Ottubru 2007 ingħad:

> *"B'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem dak l-att jew pluralita` ta' atti konnessi li jimmiraw għall-produzzjoni ta' effett ġuridiku fl-ambitu ta' drittijiet bejn żewġ soġġetti jew aktar."*

62. Il-Qorti tirrileva li l-fatt innifsu li Bethard Group Limited ma tridx tassumi l-obbligu li tħallas dak reklamat għas-servizzi reżi, ma jfissirx li m'hemmx relazzjoni ġuridika bejn Bethard Group Limited u r-rikorrent nomine.

63. Is-soċjeta' intimata Bethard Group isostni li m'hemmx relazzjoni kuntrattwali bil-miktub bejn it-tnejn, madankollu, jidher ċar li hemm rapport dirett, bejn Bethard Group Limited u Jakob Famme. Dana qiegħed jingħad għax jidher li kien hemm ness dirett bejn ir-rikorrent nomine u Bethard Group Lmited, għaliex ma jista' jkun hemm ebda kontestazzjoni li s-servizzi ġew prestati għal benefiċċju ta' Bethard Group u ġew mitluba minn persuni li kienu qed jaħdmu ma' Bethard Group Limited, inkluż Henrik Ollson, li dak iż-żmien kien impjegat tas-soċjeta' Bethard Group Limited responsabbli għall-marketing ġewwa s-suq tad-Danimarka.

64. Għalhekk, l-Qorti ma għandha ebda dubju illi kien hemm ness dirett u dan kif ikkonfermat minn Jakob Famme, fejn jirriżulta li s-servizzi jidher li kienu ilhom jingħataw sa mis-sena 2018 lis-soċjeta' Bethard Group Limited.

65. Għalhekk, fid-dawl tas-suespost, dak sollevat f'din l-eċċezzjoni ma jistax jintlaqa', b'hekk din il-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Bethard Group Limited.

**Caluno IGaming Consulting Limited li mhijiex il-leġittimu kontradittur**

66. Illi ġie eċċepit preliminarjament mis-soċjeta' Caluno IGaming Consulting Limited, li mhjiex il-leġittimu kontradittur stante, li s-servizzi li ntalbu mingħand l-atturi, mertu ta' dan il-każ intalbu f'isem is-soċjeta' Bethard Group Limited, u kwalsiasi servizz ingħata lil Bethard Group Limited a benefiċċju esklussiv tagħha.

67. Jirriżulta mill-atti tal-każ u l-fatturi eżebiti mar-rikors promotur, li l-fatturi ħarġu fuq isem Caluno IGaming Consulting Limited, u dan minkejja li x-xogħol u s-servizzi prestati kienu intiżi għal Bethard Group Limited. Dan jirriżulta mill-atti u jinsab ukoll ikkonfermat minn xhieda fosthom Mikel Winterberg fil-kontro-eżami tiegħu.

68. Jirriżulta wkoll, mix-xhieda ta' Jakob Famme, li kien hemm ftehim bejn Famme u Caluno IGaming Limited. Fil-fatt, ġie ppreżentat kopja ta' Consultancy Agreement bejn Jakob Famme u Caluno IGaming Limited, liema ftehim kien ibbażat fuq il-ftehim li kien hemm bejn Caluno IGaming Consulting u Bethard Group Limited.

69. Jirriżulta wkoll, li l-Joint Venture Agreement bejn Bethard Group Limited u Caluno IGaming Limited, jidher imsemmi fil-ftehim bejn Jakob Famme u Caluno iGaming Consutancy Limited.

70. Jidher ċar illi, nonostante l-fatt li l-Joint Venture ma seħħitx, is-servizz aħħari maħsub f'tali Joint Venture ingħata, u għalhekk dan ma jneħħix is-siwi tal-fatturi eżebiti mar-rikors promotur u s-servizzi prestati mir-rikorrent nomine.

71. Madankollu, ma jistax jingħad li Caluno IGaming Consulting Limited kienet estraneja u ma kinetx involuta fin-negozjati u l-ftehim li kienu qed iseħħu bejn il-partijiet f'dan il-każ.

72. Għadu jingħad illi, għalkemm il-benefiċċjarja tas-servizzi kienet is-soċjeta' Bethard Group Limited, is-soċjeta Caluno IGaming Limited kienet involuta fil-ftehim u fin-negozjati. Jirriżulta wkoll, li kien proprju Henrik Olsson, azzjonist tas-soċjeta' Caluno iGaming Consulting Limited u impjegat ma' Bethard Group Limited responsabbli għas-suq tad-Danimarka, li kien talab li l-fatturi mertu ta' dan il-każ jiġu indikati fuq Caluno IGaming Consulting Limited minkejja l-fatt li s-servizzi tal-marketing kienu kollha a benefiċċju ta' Bethard Group Limited.

73. Għalhekk, ikkunsidrati il-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, din il-Qorti ma tistax tqis li Caluno IGaming Consulting Limited mhijiex il-leġittimu kontradittur f'dan il-każ, anke għaliex is-soċjeta' Caluno IGaming Limited għandha kull interess tkun f'dan il-każ sabiex tiddefendi l-pożizzjoni tagħha.

74. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Caluno IGaming Consulting Limited.

## Kunsiderazzjonijiet fil-mertu

75. Permezz tal-proċeduri odjerni, r-rikorrent nomine qed jitlob bilanċ fl-ammont ta' €131,944.81 għal servizzi prestati fi proġetti ta' IGaming.

76. Għandu jingħad illi tali ammont jirrigwarda uħud mill-invoices eżebiti mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur, ossija is-segwenti:

   a. <u>Invoice 2017291</u> datata 3 ta' Diċembru 2019 intitolata '*Battle of the Bay 2019 – Final Payment*' u indirizzata lil Caluno iGaming Consulting Limited fl-import ta' **€37,875** (fol 7).

   b. <u>Invoice 2016235</u> datata 3 ta' Diċembru 2019 intitolata '*Consulting from April to January €2,500 per month*' u indirizzata lil Caluno iGaming Consulting Limited (fol 8) fl-import ta' **€25,000.**

   c. <u>Invoice 2016251</u> datata 1 ta' Frar 2020 intitolata '*Consulting from February to April €2,500 per month*' u indirizzata lil Caluno iGaming Consulting Limited (fol 9) fl-import ta' **€5,000.**

   d. <u>Invoice 2016236</u> datat 3 ta' Diċembru 2019 intitolata '*Loan with interest 5%*' u indirizzata lil Henrik Olsson (fol 12) fl-import ta' **€39,724.81.**

e. Invoice 202014 datata 3 ta’ Frar 2020 intitolata ‘*Super Bowl Party February 2020*’ indirizzata lil Caluno iGaming Consulting Limited (fol 13) fl-import ta’ **€24,345.**

77. Minn naħa l-oħra s-soċjeta’ Bethard Group Limited eċċepiet li l-pretensjonijiet tar-rikorrent nomine huma inveritjeri u abbużivi fil-konfront tagħha, u li l-pretensjonijiet tar-rikorrent nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

78. Is-soċjeta’ Bethard Group Limited tkompli tgħid fl-eċċezzjonijiet, li r-relazzjoni kienet dejjem ma’ Henrik Olsson u/jew Caluno IGaming Consulting Limited. Iżda, sostniet ukoll, li meta ħallset il-fatturi eżebiti a fol 10 u 11 tal-proċess, hi ħallsithom għaliex intalbet minn Henrik Olsson tħallas dawn il-fatturi, u kien b’hekk li ntalab li jiġi indikat World Class Limited fuq dawk il-fatturi minnha mħallsa.

79. Is-soċjeta’ Caluno IGaming fil-mertu sostniet, li r-rikorrent nomine għandu jġib prova tas-servizzi mogħtija u l-kreditu dovut.

**Ikkunsidrat**

80. Jingħad fl-ewwel lok, li mill-provi in atti, ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni dwar servizzi reżi u li huma mertu ta’ uħud mill-fatturi meritu tal-kawża odjerna, bħalma hija ‘*Battle of the Bay 2019*’ (fol 7), ‘*Bethard Casino Experience Malta*’ (fol 10), ‘*San Francisco Trip – Battle of the Bay – Deposit*’ (fol 11) u ‘*Super Bowl Party*’ (fol 13).

81. Di fatti, kienu diversi xhieda li kkonfermaw dan, fosthom Jakob Famme, ir-rikorrent, u diversi impjegati ta’ Bethard Group Limited, fosthom **Steen Madsen**, li kien impjegat ma’ Bethard Group Limited bħala ‘*Sportsbook and Casino Manager for the Danish Brand*’ bejn Settembru sa’ Diċembru 2019 (fol 284) u **Anders Friis Bruun**, li kien impjegat bħala ‘*marketing manager for the Danish market*’ bejn Awissu 2019 u Marzu 2020 (fol 300).

82. **Frank Heinanen**, Managing Director tas-soċjeta’ Bethard Group, ikkonferma wkoll illi l-Bethard Group kienet daħlet fi ftehim ma’ Henrik Olsson u Caluno IGaming Consulting Limited. Dan jirriżulta wkoll mid-dokumenti eżebiti in atti.

83. Għalhekk, jidher ċar li, għas-soċjeta’ Bethard Group, Henrik Olsson, kif ukoll is-soċjeta’ tiegħu Caluno iGaming Consultancy Limited, kien essenzjali għas-soċjeta’ Bethard Group sabiex tirnexxi fis-suq tad-Danimarka u għalhekk kien il-fulcrum fir-rigward tal-ftehim u s-servizzi li kienu għaddejja bejn il-partijiet.

84. Jirriżulta wkoll illi, mument minnhom, Olsson kien impjegat ta’ Bethard Group bħala uffiċjal fil-marketing għad-Danimarka.

85. Jirriżulta evidentement ċar ukoll, li meta Bethard Group Limited ħallset iż-żewġ fatturi kif ikkonfermat minnha stess, hija ħallset dan fuq talba minn Henrik Olsson, għalkemm sussegwentement is-soċjeta’ intimata rrinnegat tali ħlas billi ottjeniet

sentenza kontra l-istess Henrik Ollson u s-soċjeta' Caluno Igaming Consultancy Limited fil-kontumaċja tagħhom.

86. Din il-Qorti qiegħda tagħmel tali referenza, peress illi jidher ċar li s-soċjeta' Bethard Group Limited qed tittenta tuża l-fatt tal-involviment ta' Olsson u s-soċjeta' Caluno iGaming Consultancy Limited sabiex teżonera ruħha minn kull ħlas dovut.

87. Jidher ukoll, li s-soċjeta' Bethard qed tuża bħala para ventu, l-Joint Venture Agreement li kien sar bejnha, u bejn Caluno IGaming Consulting Limited, liema Joint Venture qatt ma beda jopera stante illi s-soċjeta' li kellha tiġi ffurmata BHGDK, qatt ma ġiet attwalment iffurmata.

88. Bethard Group Limited qed issostni li hija kienet vittma u nqabdet f'negozju bejn ir-rikorrent Jakob Famme u Olsson.

89. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma' tosservax illi ma jistax jiġi kkontestat li l-ispirtu tal-Joint Venture kien beda għaddej bejn is-soċjetajiet intimati sa minn meta ġie ffirmat, minkejja li kienet għadha ma ġietx iffurmata kumpanija. Famme u Olsson it-tnejn isostnu, fix-xhieda tagħhom, li Bethard Group Limited xorta għamlet il-qliegħ mis-servizzi reżi ġewwa s-swieq tad-Danimarka, illi kien, wara kollox, il-ħsieb aħħari tal-Joint Venture Agreement bejn iż-żewġ soċjetajiet intimati.

90. Il-Qorti tosserva wkoll illi, minkejja li s-soċjeta Bethard Group issostni li hija inqabdet vittma fin-negozjati bejn Henrik Olsson, Caluno IGaming Consultancy Limited u Famme, xorta jirriżulta li kien hemm prestazzjoni ta' servizzi mir-rikorrent nomine, li gawdew minnhom is-soċjeta' Bethard Group Limited, tant li anke kien hemm negozjati u komunikazzjonijiet dwar '*events*' li kellhom jiġu organizzati fl-esteru.

91. Xhieda ta' dan huma l-korrispondenza b'email datati Settembru 2018 fejn Famme kien qed jikkomunika ma' Dellstand għan-nom tas-soċjeta' Bethard Group Limited f'dan ir-rigward. Steen Madsen u Anders Bruun, it-tnejn ex-impjegati ma' Bethard Group Limited, lkoll fil-qasam tal-marketing fis-suq tad-Danimarka, lkoll ikkonfermaw fix-xhieda tiegħu li Henrik Olsson kien qed jaħdem fuq proġetti ma' Jakob Famme, b'mod li l-events fl-esteru u l-proġetti kienu kollha għall-gwadann tal-kumpanija Bethard Group Limited. Mikkel Winterberg, jikkonferma ukoll, fl-affidavit tiegħu, li Bethard Group Limited kienu ingaġġaw lil Jakob Famme bħala VIP Manager biex jgħin fis-servizzi għall-IGaming fis-suq Daniż.

92. Għalhekk, ma jista' jkun hemm ebda dubju illi kien hemm relazzjoni bejn Jakob Famme u Bethard Group Limited bħala benefiċċjarja tas-servizzi.

## Ikkunsidrat

93. Il-Qorti tosserva illi, fil-każ odjern, x'ġara jew ma ġarax bil-Joint Venture Agreement bejn is-soċjetajiet intimati ma għandu ebda rilevanza, peress illi l-kawża odjerna tirrigwarda il-ħlasijiet tal-fatturi eżebiti mar-rikors, li għadhom mhumiex imħallsa.

94. M'hemmx kontestazzjoni li Bethard Group Limited ħallset il-fatturi numru 2017279 u 2017280, u dana fuq talba ta' Olsson, fejn kienet l-istess soċjeta' Bethard Group Limited li hija insistiet ma' Olsson, meta ħallset dawn il-fatturi, sabiex dawn il-fatturi jkunu indirizzati lil Worldclass Limited, għal finijiet fiskali. Il-fatt li sussegwentement is-soċeta' Worldclass Limited irrinnegat tali ħlasijiet b'kawża fil-qrati nostrani kontra Henrik Olsson u s-soċjeta' Caluno iGaming Consultancy Limited li ġiet deċiża kontra tagħhom fil-kontumaċja tagħhom, għal din il-Qorti, ftit li xejn għandha rilevanza għall-proċeduri odjerni.

95. Jirriżulta mhux ikkontestat ukoll illi Olsson kien, għal żmien impjegat mas-soċjeta' intimata Bethard Group Limited, bħala l-persuna responsabbli għall marketing ta' Bethard Group Limited ġewwa d-Danimarka.

96. Is-soċjeta' Caluno iGaming Limited kienet involuta fis-servizzi kollha reżi mir-rikorrent Famme peress illi kienet involuta ma' Olsson u ma' Bethard Group fil-formazzjoni tal-Joint Venture, li sussegwentement ma seħħx.

97. Is-soċjeta' Bethard Group Limited, tramite ir-rappreżentant tagħha Edward Licari, tikkontendi illi, bħala parti mill-ftehim tal-Joint Venture, Olsson kellu jikkontribwixxi miljun ewro fil-Joint Venture ma' Bethard Group Limited, liema kontribuzzjoni huwa ma għamilx u għalhekk qatt ma ġiet iffurmata il-kumpannija BHGDK.

98. Mill-banda l-oħra, Henrik Olsson, bħala rappreżentant ta' Caluno iGaming Consultancy Limited, jikkontendi illi l-fatt li s-soċjeta' Bethard Group għamlet Joint Venture Agreement miegħu kif ukoll impjegatu bħala manager magħha kien parti minn pjan tagħha sabiex tottjeni mingħandu l-kuntatti u xogħol tad-Danimarka, fejn hija kienet għadha mhijiex daqstant stabbilita filwaqt illi tagħmilha faċili għaliha sabiex, sussegwentement, kif attwalment ġara, toħroġ lill-istess Olsson minn kwalsiasi arranġamenti u tibbenefika minn kollox hi.

99. Kienu x'kienu r-raġunijiet wara l-falliment tal-Joint Venture Agreement bejn l-intimati, dana ma għandu jkollu ebda piż għar-rikjesta tar-rikorrenti nomine għas-servizzi minnu prestati.

## Ikkunsidrat

100. Il-Qorti tirrileva illi, kif ġia elenkat aktar il-fuq, l-invoices meritu tal-kawża odjerna huma attwalment is-segwenti:

    a. Invoice 2017291 datata 3 ta' Diċembru 2019 intitolata 'Battle of the Bay 2019 – Final Payment' u indirizzata lil Caluno iGaming Consulting Limited fl-import ta' €37,875 (fol 7).

b. Invoice 2016235 datata 3 ta' Diċembru 2019 intitolata 'Consulting from April to January €2,500 per month' u indirizzata lil Caluno iGaming Consulting Limited (fol 8) fl-import ta' €25,000.

c. Invoice 2016251 datata 1 ta' Frar 2020 intitolata 'Consulting from February to April €2,500 per month' u indirizzata lil Caluno iGaming Consulting Limited (fol 9) fl-import ta' €5,000.

d. Invoice 2016236 datata 3 ta' Diċembru 2019 intitolata 'Loan with interest 5%' u indirizzata lill Henrik Olsson (fol 12) fl-import ta' €39,724.81.

e. Invoice 202014 datata 3 ta' Frar 2020 intitolata 'Super Bowl Part 2 February 2020' indirizzata lill Caluno iGaming Consulting Limited (fol 13) fl-import ta' €24,345.

101. Il-Qorti tosserva illi tali invoices jistgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji:

a. Invoices b'referenza għall-attivita' organizzata.

b. Invoices b'referenza għall-'Consultancy Agreement' milħuq bejn Jakob Famme u s-soċjeta' Caluno iGaming Consultancy Limited.

102. Il-Qorti tosserva illi, fejn jirrigwarda invoices għall-attivita organizzata, l-invoices li għandhom jiġu kkunsidrati huma s-segwenti:

a. <u>**Invoice 2017291**</u> datata 3 ta' Diċembru 2019 intitolata 'Battle of the Bay 2019 – Final Payment' u indirizzata lil Caluno iGaming Consulting Limited fl-import ta' €37,875 (fol 7).

b. <u>**Invoice 202014**</u> datata 3 ta' Frar 2020 intitolata 'Super Bowl Party 2 February 2020' indirizzata lil Caluno iGaming Consulting Limited (fol 13) fl-import ta' €24,345.

103. Jirriżulta illi l-import totali għal tali servizzi jammonta għal €62,220 b'kollox.

104. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-invoices ibbażati fuq il-ftehim bejn ir-rikorrent nomine u s-soċjeta' intimata Caluno iGaming Consultancy Services huwa s-segwenti:

a. <u>**Invoice 2016235**</u> datata 3 ta' Diċembru 2019 intitolata 'Consulting from April to January €2,500 per month' u indirizzata lill Caluno iGaming Consulting Limited (fol 8) fl-import ta' €25,000.

b. <u>**Invoice 2016251**</u> datata 1 ta' Frar 2020 intitolata '*Consulting from February to April €2,500 per month*' u indirizzata lill Caluno iGaming Consulting Limited (fol 9) fl-import ta' €5,000.

105. Għandu jingħad ukoll illi, fost l-ħames invoices li qed jiġu kkunsidrati minn dina l-Qorti, hemm ukoll Invoice 2016236 datata 3 ta' Diċembru 2019 intitolata '*Loan with interest 5%*' li hija indirizzata lil Henrik Olsson (fol 12) fl-import ta' €39,724.81, li ma huwiex parti mill-kawża odjerna.

106. Ikkunsidrat il-fatti w il-provi kif fuq ġia esposti, peress illi ħareġ ċar illi s-soċjeta' Bethard Group Limited spiċċat ibbenefikat mis-servizzi in konnesjoni mal-events Battle of the Bay 2019 u Super Bowl Party 2020, l-ħlas għal tali servizzi għandhom jibqgħu a kariku esklussiv tas-soċjeta' intimata Bethard Group Limited.

107. Mill-banda l-oħra, fejn jirrigwarda pretensjonjet tar-rikorrent nomine abbażi tal-ftehim milħuq bejn l-istess u s-soċjeta Caluno iGaming Consultancy Limited fl-4 ta' Ottubru 2019, peress illi jidher ċar illi s-soċjeta' intimata Bethard Group Limited ma' kellha ebda involviment f'tali ftehim, għalkemm setgħet indirettament tibbenefika minn tali ftehim in vista tas-servizzi ta' Famme, kwalsiasi ħlas pretiż minn Famme abbażi ta' tali ftehim għandu jitħallas mis-soċjeta' Caluno iGaming Consultancy Limited. Dana, madanakollu, għandu japplika għall-invoices 2016235 u 2016251 biss.

108. Finalment, għal dak illi jirrigwarda l-invoice Nru 2016236, peress illi jidher ċar illi tali invoice ġiet indirizzata direttament lil Henrik Olsson, u l-istess Henrik Olsson ma huwiex parti fil-kawża odjerna, tali invoice ma tista' tiġi attribwita lejn ebda mis-soċjetajiet intimati, u għalhekk ma hijiex ser tiġi kkunsidrata minn dina l-Qorti.

109. In vista ta' tali raġunament, is-soċjeta' intimata Bethard Group Limited għandha tagħmel tajjeb għall-invoices 2017291, eżebita a fol 7, u 202014 eżebita a fol 13, fl-import totali ta' €62,220 filwaqt illi s-soċjeta' intimata Caluno iGaming Consulting Limited għandha tagħmel tajjeb għall-invoices 2016235 u 2016251 biss fl-import totali ta' €30,000.

110. L-invoice 2016236 datata 3 ta' Diċembru 2019 intitolata '*Loan with interest 5%*' li hija indirizzata lill Henrik Olsson (fol 12) fl-import ta' €39,724.81 ma hijex ser tiġi kkunsidrata minn dina l-Qorti ulterjorment stante illi ma hijiex indirizzata mill-ebda mill-intimati iżda indirizzata lejn Henrik Olsson, li mhux parti minn dina l-kawża.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ippreżentati quddiemha;

Rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' Bethard Group Limited għar-raġunijiet spjegati.

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta' kollha Caluno IGaming Consulting Limited.

**Tilqa'** t- talbiet tar-rikorrent nomine limitatament kif ġej:

**Tilqa'** l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara illi s-soċjeta' Bethard Group Limited hija debitriċi tas-somma ta' tnejn u sittin elf, mitejn u għoxrin Euro (€62,220) filwaqt illi s-soċjeta' Caluno iGaming Consultancy Limited hija debitriċi fis-somma ta' tletin elf Euro (€30,000).

**Tilqa'** t-tieni talba limitatament billi tikkundanna lis-soċjeta' Bethard Group Limited tħallas is-somma ta' tnejn u sittin elf, mitejn u għoxrin Euro (€62,220) filwaqt illi tikkundanna lis-soċjeta' Caluno iGaming Consultancy Limited tħallas is-somma ta' tletin elf Euro (€30,000).

**L-ispejjeż** għandhom ikunu esklussivament a kariku tas-soċjeta' Bethard Group Limited filwaqt illi l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur